II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1389

tat-2 ta' Awwissu 2022

li jemenda u jikkoreġi l-Anness IX tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405 fir-rigward tal-listi ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' ċerti prodotti tas-sajd

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 127(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/625 ([2]) jistabbilixxi r-rekwiżiti għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem minn pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom, biex jiżgura li dawn jikkonformaw mar-rekwiżiti applikabbli stabbiliti fir-regoli dwar is-sikurezza tal-ikel imsemmija fl-Artikolu 1(2)(a) tar-Regolament (UE) 2017/625 jew mar-rekwiżiti rikonoxxuti li huma tal-inqas ekwivalent għalihom. B'mod partikolari, id-dħul fl-Unjoni ta' dawk l-oġġetti u l-annimali huwa soġġett għar-rekwiżit li dawn ikunu ġejjin minn pajjiż terz jew reġjun tiegħu li jkun inkluż f'lista f'konformità mal-Artikolu 126(2)(a) tar-Regolament (UE) 2017/625.

(2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/405 ([3]) jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi u reġjuni tagħhom li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' ċerti annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem f'konformità mal-Artikolu 126(2)(a) tar-Regolament (UE) 2017/625. L-Anness IX ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni jistabbilixxi l-lista ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti prodotti tas-sajd, fosthom prodotti mill-akkwakultura.

([1]) ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/625 tal-4 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' rekwiżiti għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 131, 17.5.2019, p. 18).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/405 tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' ċerti annimali u oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 118).

(3) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/… [4] approvat il-pjanijiet ta' monitoraġġ tar-residwi għall-prodotti kollha tas-sajd fil-kategorija "akkwakultura" tal-Bangladesh, il-Brażil, il-Kolombja, il-Costa Rica, l-Ekwador, il-Honduras, l-Indoneżja, l-Indja, il-Korea t'Isfel, is-Sri Lanka, il-Myanmar/Burma, il-Messiku, il-Malażja, il-Panama, il-Perù, il-Filippini, l-Arabja Sawdija, it-Tajlandja, it-Tajwan u l-Vjetnam u inkludiet dawk il-pajjiżi terzi fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE [5]. Għaldaqstant, huwa xieraq li l-Anness IX tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405 jiġi emendat sabiex jirrifletti dik l-approvazzjoni għall-prodotti kollha tas-sajd fil-kategorija "akkwakultura". Dawk il-pajjiżi terzi ġew infurmati b'dan kif jixraq.

(4) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/… approvat il-pjan ta' monitoraġġ tar-residwi għall-prodotti tal-ħut bil-pinen fil-kategorija "akkwakultura" tal-Marokk, u inkludiet dak il-pajjiż terz fl-Anness tad-Deċiżjoni 2011/163/UE b'nota li tillimita l-approvazzjoni għall-prodotti tal-ħut bil-pinen. Għaldaqstant, huwa xieraq li l-Anness IX tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405 jiġi emendat sabiex jirrifletti dik l-approvazzjoni limitata għall-prodotti tal-ħut bil-pinen fil-kategorija "akkwakultura". Dak il-pajjiż terz ġie infurmat.

(5) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/… żiedet il-bajd tal-ħut mal-kavjar u mal-krustaċji fil-kategorija tal-prodotti tal-akkwakultura fl-Anness tad-Deċiżjoni 2011/163/UE b'nota li tillimita l-approvazzjoni għall-bajd tal-ħut u l-kavjar u għall-krustaċji. Għalhekk huwa xieraq li l-Anness IX tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405 jiġi emendat sabiex jirrifletti dik l-approvazzjoni limitata għall-bajd tal-ħut u l-kavjar u l-prodotti tal-krustaċji fil-kategorija "akkwakultura". L-Iran ġie infurmat b'dan kif jixraq.

(6) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/… irtirat l-approvazzjoni tal-pjan ta' monitoraġġ tar-residwi għall-prodotti tal-ħut bil-pinen fil-kategorija "akkwakultura" tal-Uganda, peress li l-Uganda ma ppreżentatx pjan ta' monitoraġġ tar-residwi għal dawk il-prodotti. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Uganda titneħħa mil-lista ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti prodotti tas-sajd, stabbilita fl-Anness IX tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405, għajr għall-qabda selvaġġa, li ma jeħtieġx pjan ta' monitoraġġ tar-residwi. Għaldaqstant, l-Anness IX tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405 jenħtieġ li jiġi emendat kif jixraq. L-Uganda ġiet infurmata b'dan.

(7) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/363 [6] emenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405, u elenka b'mod żbaljat l-Emirati Għarab Magħquda fl-Anness IX tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405 għall-prodotti tal-akkwakultura, għalkemm dak il-pajjiż terz ma kienx ipprovda pjan ta' monitoraġġ tar-residwi għall-prodotti tal-akkwakultura. Għalhekk huwa xieraq li tiġi kkoreġuta l-entrata għall-Emirati Għarab Magħquda fil-lista ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti prodotti tas-sajd, stabbilita fl-Anness IX tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405, sabiex jiġi rifless li l-approvazzjoni tikkonċerna biss il-qabda selvaġġa. L-Emirati Għarab Magħquda ġew infurmati b'dan kif jixraq.

(8) Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness IX tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405 jiġi emendat u kkoreġut kif jixraq.

(9) Biex jitnaqqas kemm jista' jkun it-tfixkil fil-kummerċ u jkunu żgurati ċ-ċertezza legali u l-konsistenza mad-Deċiżjoni 2011/163/UE, dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ b'mod urġenti.

(10) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

---

[4] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/… tad-9 ta' Awwissu 2022 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/163/UE dwar l-approvazzjoni tal-pjanijiet sottomessi mill-pajjiżi terzi skont l-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE (ara l-paġna … ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

[5] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE tas-16 ta' Marzu 2011 dwar l-approvazzjoni tal-pjanijiet sottomessi mill-pajjiżi terzi skont l-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE (ĠU L 70, 17.3.2011, p. 40).

[6] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/363 tal-24 ta' Jannar 2022 li jemenda u jikkoreġi l-Anness IX tar-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405 fir-rigward tal-listi ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li minnhom huwa awtorizzat id-dħul fl-Unjoni ta' ċerti prodotti tas-sajd (ĠU L 69, 4.3.2022, p. 40).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness IX tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405 huwa emendat u kkoreġut f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Awwissu 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

1. l-Anness IX tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405 huwa emendat kif ġej:

(a) l-entrata għall-Bangladesh hija sostitwita b'dan li ġej:

"BD	Il-Bangladesh ([1])";	

(b) l-entrata għall-Brażil hija sostitwita b'dan li ġej:

"BR	Il-Brażil ([1])";	

(c) l-entrata għall-Kolombja hija sostitwita b'dan li ġej:

"CO	Il-Kolombja ([1])";	

(d) l-entrata għall-Costa Rica hija sostitwita b'dan li ġej:

"CR	Il-Costa Rica ([1])";	

(e) l-entrata għall-Ekwador hija sostitwita b'dan li ġej:

"EC	L-Ekwador ([1])";	

(f) l-entrata għall-Honduras hija sostitwita b'dan li ġej:

"HN	Il-Honduras ([1])";	

(g) l-entrata għall-Indoneżja hija sostitwita b'dan li ġej:

"ID	L-Indoneżja ([1])";	

(h) l-entrata għall-Indja hija sostitwita b'dan li ġej:

"IN	L-Indja ([1])";	

(i) l-entrata għall-Iran hija sostitwita b'dan li ġej:

"IR	L-Iran	Akkwakultura: bajd tal-ħut u kavjar u krustaċji biss";

(j) l-entrata għall-Korea t'Isfel hija sostitwita b'dan li ġej:

"KR	Il-Korea t'Isfel ([1])";	

(k) l-entrata għas-Sri Lanka hija sostitwita b'dan li ġej:

"LK	Is-Sri Lanka ([1])";	

(l) l-entrata għall-Marokk hija sostitwita b'dan li ġej:

"MA	Il-Marokk	Akkwakultura: ħut bil-pinen biss";

(m) l-entrata għall-Myanmar/Burma hija sostitwita b'dan li ġej:

"MM	Il-Myanmar/Burma ([1])";	

(n) l-entrata għall-Messiku hija sostitwita b'dan li ġej:

"MX	Il-Messiku ([1])";	

(o) l-entrata għall-Malażja hija sostitwita b'dan li ġej:

"MY	Il-Malażja ([1])";	

(p) l-entrata għall-Panama hija sostitwita b'dan li ġej:

"PA	Il-Panama ([1])";	

(q) l-entrata għall-Perù hija sostitwita b'dan li ġej:

"PE	Il-Perù ([1])";	

(r) l-entrata għall-Filippini hija sostitwita b'dan li ġej:

"PH	Il-Filippini ([1])";	

(s) l-entrata għall-Arabja Sawdija hija sostitwita b'dan li ġej:

"SA	L-Arabja Sawdija ([1])";	

(t) l-entrata għat-Tajlandja hija sostitwita b'dan li ġej:

"TH	It-Tajlandja ([1])";	

(u) l-entrata għat-Tajwan hija sostitwita b'dan li ġej:

"TW	It-Tajwan ([1])";	

(v) l-entrata għall-Uganda hija sostitwita b'dan li ġej:

"UG	L-Uganda	Qabda selvaġġa biss";

(w) l-entrata għall-Vjetnam hija sostitwita b'dan li ġej:

"VN	Il-Vjetnam ([1])";	

([1]) Dawn il-pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom jistgħu jesportaw il-prodotti tas-sajd kollha (il-ħut bil-pinen, il-prodotti tal-ħut bil-pinen u l-krustaċji).

2. L-Anness IX tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405 huwa kkoreġut fir-rigward tal-entrata għall-Emirati Għarab Magħquda, li hija sostitwita b'dan li ġej:

"AE	L-Emirati Għarab Magħquda	Qabda selvaġġa biss".